



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.9.2022  
COM(2022) 506 final

2022/0309 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 li tagħti appoġġ  
temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ellenika biex jittaffew  
ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 (“ir-Regolament SURE”) jistabbilixxi l-qafas legali għall-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri, li qed jesperjenzaw taqlib ekonomiku sever ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew li huma mhedda serjament minn tali taqlib. L-appoġġ bis-saħħa ta’ SURE jservi għall-finanzjament, primarjament, ta’ skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jipproteġu l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u b’hekk inaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tad-dħul, kif ukoll għall-finanzjament, bħala wieħed anċillari, ta’ xi miżuri relatati mas-saħħa, b’mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Fis-6 ta’ Awwissu 2020, il-Greċja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni u fil-25 ta’ Settembru 2020, bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 tagħha, il-Kunsill ta’ assistenza finanzjarja lill-Greċja bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirrispondi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom.

Fid-9 ta’ Marzu 2021, il-Greċja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni bis-saħħa tar-Regolament SURE. B’segwitu għal din it-talba, id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1346 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/679 tat-23 ta’ April 2021.

Fl-1 ta’ Settembru 2022, il-Greċja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament SURE għat-tielet darba.

F’konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet Griegi biex tivverifika ż-żieda għall-għarrieda u qawwija fin-nefqa effettiva u ppjanata relatata direttament ma’ miżuri tas-suq tax-xogħol u miżuri relatati mas-saħħa, kawża tal-pandemija tal-COVID-19. B’mod partikolari, dawn il-miżuri jappartjenu għall-miżuri eżistenti msemmija fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1346:

- (a) Allowance speċjali għall-impjegati tas-settur privat li l-kuntratti tax-xogħol tagħhom ġew sospiżi, introdotta bl-Att Legali tal-14 ta’ Marzu 2020. Dik il-miżura għandha l-għan li tipproteġi l-impjegati f’kumpaniji li jwaqqfu l-operazzjonijiet tagħhom permezz ta’ ordni pubblika jew li jappartjenu għal setturi ekonomiċi li huma affettwati b’mod qawwi mit-tifqigħa tal-COVID-19, u tikkonċerna l-għoti ta’ allokkazzjoni speċjali kull xahar ta’ EUR 534 lill-impjegati li l-kuntratti tax-xogħol tagħhom ġew sospiżi. Il-miżura, li ilha fis-seħħ minn nofs Marzu 2020, ġiet estiża sal-31 ta’ Jannar 2022. Il-prekundizzjoni biex wieħed jibbenefika mill-iskema hija li l-impjegatur iżomm l-istess numru ta’ impjegati (jiġifieri l-istess impjegati eżatti) għal perijodu li jkun daqs il-perijodu li għalih il-kuntratt tax-xogħol kien ġie sospiż.
- (b) Il-finanzjament mill-Istat tal-kopertura tas-sigurtà soċjali tal-impjegati li jibbenefikaw mill-allokkazzjoni speċjali msemmija fil-premessa (a). Il-prekundizzjoni biex wieħed jibbenefika mill-iskema hija li l-impjegatur iżomm l-istess numru ta’ impjegati (jiġifieri l-istess impjegati eżatti) għal perijodu li jkun daqs il-perijodu li għalih il-kuntratt tax-xogħol kien ġie sospiż.

Il-Greċja pprovdiet l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni.

Wara li qieset l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill biex jadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni sabiex tingħata assistenza finanzjarja lill-Greċja skont ir-Regolament SURE b'appoġġ tal-miżura msemmija.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta preżenti hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li l-proposta qed issir bis-saħħa tiegħu.

Din il-proposta ġejja apparti strument ieħor tal-liġi tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ("ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002"). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri u biex jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta' Marzu 2020.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppata b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", u tikkomplementa strumenti oħra li jappoġġjaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi/InvestEU. Bl-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b'hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġa ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jiproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u telf ta' introjtu.

Tali appoġġ se jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt dirett fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija kkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Hija ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bl-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja taħt l-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istat Membru, hemm salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għall-ġestjoni finanzjarja;
- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġi żgurat li jistgħu jingħataw riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- Possibbiltajiet ta' riportament tad-dejn.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ellenika biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara talba mingħand il-Greċja fis-6 ta' Awwissu 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346<sup>2</sup>, ta assistenza finanzjarja lill-Greċja fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 2 728 000 000 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, u b'perjodu ta' disponibilità ta' 18-il xahar bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tal-Greċja biex jindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u jirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.
- (2) Is-self kellu jintuża mill-Greċja biex jiġu ffinanzjati l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346.
- (3) Wara t-tieni talba mill-Greċja fid-9 ta' Marzu 2021, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/679<sup>3</sup> li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346, ta assistenza finanzjarja addizzjonali ta' EUR 2 537 000 000 lill-Greċja billi żied l-ammont massimu ta' self għal EUR 5 265 000 000 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, u b'perjodu ta' disponibilità ta' 18-il xahar, bil-ħsieb li jikkomplementa l-isforzi nazzjonali tal-Greċja biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirrispondi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema.

<sup>1</sup> ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1346 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ellenika biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 ĠU L 314, 29.9.2020, p. 21.

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/679 tat-23 ta' April 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ellenika biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 144, 27.4.2021, p. 16.

- (4) Is-self addizzjonali kellu jintuża mill-Greċja biex jiġu ffinanzjati l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/679 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346.
- (5) It-tifqigħa tal-COVID-19 għadha qed tipparalizza parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol fil-Greċja. Dan wassal għal żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika mill-Greċja fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3, (a) u (b), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346.
- (6) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implimentati mill-Greċja fl-2020, l-2021 u l-2022 biex titrażżan dik it-tifqigħa u l-impatt soċjoekonomiku u l-impatt marbut mas-saħħa tagħha kellhom u għadu qed ikollhom impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi. Fl-2020, il-Greċja kellha defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 10.2 % u 206.3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament, li naqas għal 7.4 % u 193.3 % rispettivament fi tmiem l-2021. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, il-Greċja kienet mistennija li jkollha defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 4,3 % u 185,7 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament sa tmiem l-2022. Skont il-previżjoni interim tas-sajf 2022 tal-Kummissjoni, il-PDG tal-Greċja huwa previst li jiżdied b'4.0 % fl-2022.
- (7) Fl-1 ta' Settembru 2022, il-Greċja talbet għal assistenza finanzjarja ulterjuri mill-Unjoni ta' EUR 900 000 000 bil-ħsieb li tkompli tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha li wettqet fl-2020, fl-2021 u fl-2022 biex tittratta l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema. B'mod partikolari, il-Greċja kompliet testendi l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili stabbiliti fil-premessi (8) u (9).
- (8) B'mod aktar speċifiku, it-talba tal-Greċja tappartjeni għall-‘Att Legali tal-14 ta' Marzu 2020’<sup>4</sup>, kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (a), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346, li introduċa allokkazzjoni speċjali għall-impjegati tas-settur privat li l-kuntratti tax-xogħol tagħhom ġew sospiżi. Dik il-miżura għandha l-għan li ttiproteġi l-impjegati f'kumpaniji li jwaqqfu l-operazzjonijiet tagħhom permezz ta' ordni pubblika jew li jappartjenu għal setturi ekonomiċi li huma affettwati b'mod qawwi mit-tifqigħa tal-COVID-19, u tikkonċerna l-għoti ta' allokkazzjoni speċjali kull xahar ta' EUR 534 lill-impjegati li l-kuntratti tax-xogħol tagħhom ġew sospiżi. Il-prekundizzjoni biex wieħed jibbenefika mill-iskema hija li min iħaddem iżomm l-istess għadd ta' impjegati

<sup>4</sup> L-Att Legali tal-14 ta' Marzu 2020 (ĠU A' 64/2020) irratifikat mill-Artikolu 3 tal-Liġi 4682/2020 (ĠU A' 76/2020); L-Att Legali tal-1 ta' Mejju 2020 (ĠU A' 90/2020) irratifikat mill-Artikolu 2 tal-Liġi 4690/2020 (ĠU A' 104/2020). “Il-liġi 4714/2020” (ĠU A 148/2020); “Il-liġi 4722/2020” (ĠU A 177/2020); “Il-liġi 4756/2020” (ĠU A 235/2020), “Il-liġi 4778/2021” (ĠU A 26/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 12998/232/2020” (ĠU B 1078/2020), “Deċiżjoni Ministerjali 16073/287/2020” (ĠU B 1547/2020), “Deċiżjoni Ministerjali 17788/346/2020” (ĠU B 1779/2020), “Deċiżjoni Ministerjali 23102/477/2020” (ĠU B 2268/2020), “Deċiżjoni Ministerjali 49989/1266/2020” (ĠU B 5391/2020); “Deċiżjoni Ministerjali 45742/1748/2020” (ĠU B' 5515/2020); “Deċiżjoni Ministerjali 3208/108” (ĠU B' 234/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 4374/131” (ĠU B' 345); “Deċiżjoni Ministerjali 9500/322/2021” (ĠU B' 821/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 22547/2021” (ĠU B' 1683/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 28631” (ĠU B' 2012/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 47100/2021” (ĠU B' 2975/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 51320/2021” (ĠU B' 3127/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 58921/2021” (ĠU B' 3637/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 74831/2021” (ĠU B' 4593/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 105596/2021” (ĠU B' 6076/2021); “Deċiżjoni Ministerjali 109412/2021” (ĠU B' 6368/2021); u d-‘Deċiżjoni Ministerjali 3512/2021’ (ĠU B' 103/2021).

(jiġifieri l-istess impjegati eżatti) għal perjodu li jkun daqs il-perjodu li għalih il-kuntratt tax-xogħol kien ġie sospiż. Il-miżura ġiet estiża sal-31 ta' Jannar 2022.

- (9) L-awtoritajiet introduċew ukoll il-finanzjament mill-Istat tal-kopertura tas-sigurtà soċjali tal-impjegati li jibbenefikaw mill-allokkazzjoni speċjali msemmija fil-premessa (8), kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (b), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346. Il-prekundizzjoni biex wieħed jibbenefika mill-iskema hija li min iħaddem iżomm l-istess għadd ta' impjegati (jiġifieri l-istess impjegati eżatti) għal perjodu li jkun daqs il-perjodu li għalih il-kuntratt tax-xogħol kien ġie sospiż.
- (10) Il-Greċja tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta' assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Il-Greċja pprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u ppjanata żdiedet b'EUR 6 477 014 989 mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali meħuda biex jiġu indirizzati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Dan jikkostitwixxi żieda għal għarrieda u qawwija minħabba li hija relatata ma' estensjoni ta' miżuri nazzjonali eżistenti direttament relatati mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili li jkopru proporzjon sinifikanti tal-impriżi u tal-forza tax-xogħol fil-Greċja. Il-Greċja beħsiebha tiffinanzja EUR 312 014 989 permezz tal-finanzjament tagħha stess.
- (11) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Greċja u vverifikat iż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika attwali u ppjanata direttament relatata mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili msemmija fit-talba tal-1 ta' Settembru 2022, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li l-Greċja tiġi meġġuna tindirizza l-effetti soċjoekonomiċi tat-taqilib ekonomiku qawwi kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-maturitajiet, il-qies u r-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali u tal-partijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.
- (13) Minħabba li l-perjodu ta' disponibbiltà indikat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 skada, huwa meħtieġ perjodu ta' disponibbiltà ġdid għall-assistenza finanzjarja addizzjonali. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-assistenza finanzjarja ta' 18-il xahar mogħti bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 jenħtieġ li jiġi estiż bi 21-il xahar u bħala konsegwenza l-perjodu ta' disponibbiltà totali jenħtieġ li jkun ta' 39 xahar li jibda mill-ewwel jum wara li tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346.
- (14) Jenħtieġ li l-Greċja u l-Kummissjoni jqisu din id-Deċiżjoni fil-ftehim tas-self imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (15) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettag, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (16) Jenħtieġ li l-Greċja tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn il-Greċja tkun implimentat dik in-nefqa.
- (17) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u dawk mistennija tal-Greċja, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati

minn Stati Membri oħra, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Greċja self li jammonta għal massimu ta' EUR 6 165 000 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-għajjnuna finanzjarja mogħtija b'din id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 39-il xahar li jibdew mill-ewwel jum wara li din id-Deċiżjoni ssir effettiva.

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-ewwel ħlas parzjali għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672. Kwalunkwe ħlas parzjali sussegwenti għandu jiġi rilaxxat f'konformità mat-termini ta' dak il-ftehim ta' self jew, fejn rilevanti, ikun soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' addendum għal dan, jew ta' ftehim ta' self emendat konkluż bejn il-Greċja u l-Kummissjoni li jissostitwixxi l-ftehim ta' self oriġinali.”;

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

### “Artikolu 3

Il-Greċja tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

(a) allowance speċjali pprovduta lill-impjegati li l-kuntratti tax-xogħol tagħhom ġew sospiżi, kif previst fl-Artikolu 13 tal-Att Legali tal-14 ta' Marzu 2020, kif estiż l-aħħar mil-Liġi 4778/2021 tad-19 ta' Frar 2021 u d- “Deċiżjoni Ministerjali 3512/2021”;

(b) il-kopertura tas-sigurtà soċjali tal-impjegati taħt il-miżura msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu, kif previst fl-Artikolu 13 tal-“Att Legali tal-14 ta' Marzu 2020”, kif estiża l-aħħar mil-Liġi 4778/2021 tad-19 ta' Frar 2021 u mid-Deċiżjoni Ministerjali 3512/2021”;

(c) allokazzjoni speċjali għall-professjonisti li jaħdmu għal rashom, kif previst fl-Artikolu 8 tal-“Att Legali tal-20 ta' Marzu 2020”;

(d) skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif previst fl-Artikolu 31 tal-“Liġi 4690/2020”;



- (e) il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi għall-impjegati f'intrapriżi stagionali fis-settur terzjarju, kif previst fl-Artikolu 123 tal-“Liġi 4714/2020”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*